MINISTERU GĦALL-AMBJENT, ŻVILUPP SOSTENIBBLI, U TIBDIL FIL-KLIMA

SEGRETARJU PARLAMENTARI GĦALL-AGRIKOLTURA, SAJD U DRITTIJIET TAL-ANNIMALI

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, SUSTAINABLE DEVELOPMENT, AND CLIMATE CHANGE

PARLIAMENTARY SECRETARIAT FOR AGRICULTURE, FISHERIES AND ANIMAL RIGHTS

MALTA

*Dipartiment tas-Sajd u Akkwakultura*

*Department of Fisheries & Aquaculture*

28 ta' Frar 2019

# STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**Applikazzjonijiet għal Sajd rikreattiv tat-Tonn *Bluefin***

Id-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura jixtieq jinforma lill-pubbliku ġenerali li l-applikazzjonijiet se jkunu miftuħa għal dawk interessati li jipparteċipaw fis-sajd rikreattiv tat-tonn matul l-istaġun li ġej. L-istaġun tar-rikreazzjoni għat-tonn bluefin se jkun miftuħ mis-16 ta' Ġunju 2019 sal-14 t'Ottubru 2019 jew sakemm jiġu eżawriti l-kwoti rilevanti allokati.

Biex wieħed jipparteċipa fis-sajd rikreattiv tat-tonn, l-applikant għandu jkollu bastiment liċenzjat għas-sajd rikreattiv, skont id-dispożizzjonijiet nazzjonali.

Applikazzjonijiet għas-sajd rikreazzjonali għat-tonn se jkunu disponibbli fuq Mobile App li se jkunu miftuħin mill-1 ta' Marzu sal-31 ta' Mejju 2019.

Il-Mobile App tista' titniżżel mill-Google Play Store jew mill-Apple Store billi ssegwi dawn il-passi:

- Fittex għal Malta Sajd u Akkwakultura;
- Agħżel is-simbolu tal-ħuta ;
- Installa l-Applikazzjoni;
- Iftaħ l-Applikazzjoni;
- Agħżel "Tiġdid tal-Liċenzja tas-Sajd";
- Agħżel "L-Awtorizzazzjoni għar-Rikreazzjoni BFT"
- Imla d-dettalji kollha mitluba, u agħfas "Issottometti".
- F'dan l-istadju l-applikant għandu jirċievi e-mail li tikkonferma li l-formola tal-liċenzja ġiet sottomessa.
- Fi żmien jumejn (2) tax-xogħol l-applikant jirċievi email li jindika jekk l-applikazzjoni ġietx aċċettata jew jekk hix meħtieġa aktar dokumentazzjoni.
- Ladarba l-applikazzjoni tiġi aċċettata, l-applikant jista' jipproċedi biex iħallas il-ħlas amministrattiv ta' €20 billi juża l-istess app. L-istruzzjonijiet pass pass għall-ħlas se jiġu pprovduti fl-email tal-konferma.

Għammieri, Ngiered Road, Marsa MRS 3303
Tel: +356 2292 6888 Freephone: 80072240
Email: infofisheries.mesdc@gov.mt

Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkuntattja lid-Dipartiment tas-Sajd u l-Akkwakultura fuq it-telefon 22926888/6800 jew bl-email fuq infofisheries.mesdc@gov.mt